**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 320/2017 AF**

**Fracht Malta Limited (C-41553)**

**vs**

**Mohamed Madkour**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Fracht Malta Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà attrici esegwiet xogholijiet relatat ma' *shipping* u *cargo handling* favur l-intimat fuq inkarigu tieghu stess (kif jidher mill-korrispondenza permezz ta' e-mail, hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A").

Il-prezz ta' dawn ix-xogholijiet jammonta ghas-somma ta' disa' u erbghin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro u disa' u hamsin centezmu (€49,762.59), u dan kif jirrizulta mill-istatement of account li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok. B" u sensiela ta' fatturi hawn anessa u mmarkata bhala "Dok. C".

Ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas dan l-ammont, anke permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1133/17 l-intimat baqa' inadempjenti (kopja tal-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. D".)

Ghalhekk l-intimat huwa debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' disa u erbghin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro u disa' u hamsin centezmu (€49,762.59), rapprezentanti l-prezz ta' xogholijiet relatati ma' *shipping* u *cargo handling* illi s-socjetà attrici ikkonsenjat lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess.

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjetà attrici, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici.

Dawn il-fatti huma maghrufa mill-esponenti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' disa u erbghin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro u disa' u hamsin centezmu (€49,762.59), rapprezentanti l-ammont dovut mill-intimat ghal xogholijiet relatati ma' *shipping* u *cargo handling* illi s-socjetà attrici ikkonsenjat lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà attrici l-ammont ta' disa u erbghin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro u disa' u hamsin centezmu (€49,762.59), rapprezentanti l-ammont dovut mill-intimat ghal xogholijiet relatati ma' *shipping* u *cargo handling* illi s-socjetà attrici ikkonsenjat lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u tal-ittra ufficjali bin-numru 1133/17, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv

kontra l-intimat u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-istanti kontra l-intimat minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-intimat Mohamed Madkour minkejja li gie debitament notifikat baqa' ma deherx. Il-Qorti tinnota li d-difensur tieghu pprezenta in atti kopja ta' biljett tal-ajru u nforma lill-Qorti li l-klijent tieghu jinsab imsiefer. Il-Qorti tinnota li dan il-vjagg gie prenotat fit-18 ta' Mejju 2017 meta l-intimat kien ilu notifkat bil-kawza sa mill-25 ta' April 2017.

Ghaldaqstant il-Qorti, fic-cirkostanzi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li Mohamed Madkour huwa debitur tas-socjetà Fracht Malta Limited fl-ammont ta' disa u erbghin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro u disa' u hamsin centezmu (€49,762.59); tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Mohamed Madkour ihallas lil Fracht Malta Limited is-somma ta' disa u erbghin elf, seba' mija tnejn u sittin Ewro u disa' u hamsin centezmu (€49,762.59), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mohamed Madkour.

IMHALLEF

DEP/REG